Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 103/16**

Il-Lussemburgu, 20 ta' Settembru 2016

# Marc Jaeger elett mill-ġdid bħala President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea [1], Marc Jaeger, President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea mis-17 ta' Settembru 2007, ġie elett, mill-Membri l-oħra, għar-raba' mandat li jkopri l-perijodu bejn l-20 ta' Settembru 2016 u l-31 ta' Awwissu 2019.

***Curriculum vitae* ta' Marc Jaeger**

imwieled fl-1954; diploma fid-dritt mill-Università Robert Schuman ta' Strasbourg; studji fil-Collège d'Europe; ammess fil-kamra tal-avukati tal-Lussemburgu (1981); attaché de justice, delegat mal-Prosekutur ġenerali tal-Lussemburgu (1983); Imħallef fit-Qorti distrettwali tal-Lussemburgu (1984); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1986-1996); President tal-Istitut universitarju internazzjonali tal-Lussemburgu (IUIL); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-11 ta' Lulju 1996; President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*

[1] Ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru 101/16 tad-19 ta' Settembru 2016.